MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 627/2008

**Maria Dolores Mifsud**
**(karta ta' l-identita` numru 416544 (M))**
**U**
**Ghal kull interess li jista' jkollu zewgha Carmelo Mifsud**
**(karta ta' l-identita` numru 352138 (M))**

**vs**

**Smart Supermarket Limited**
**(C – 7910)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat id-19 ta' Gunju, 2008, li ghall-ekonomija tal-gudizzju jinghad sintetikament is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata jew terzi mqabbdin minnha abbuzivament fethu aperturi u twieqi ohra,

tpoggew katusi, “*gulleys*”, pajpijiet tal-ilma, “*drains*”, “*wires*” tad-dawl u tal-“*air conditioners*” fil-proprjeta` tar-rikorrenti;

2. Illi ghalhekk giet invasa l-arja u l-proprjeta` tar-rikorrenti;

3. Illi ghalkemm is-socjeta` ntimata giet interpellata diversi drabi biex tirregola l-pozizzjoni llegali u llecita taghha, xorta baqghet inadempjenti u kellha tittiehed il-procedura odjerna;

Rat ir-risposta tas-socjeta` ntimata datata s-7 ta’ Lulju, 2008, li sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi l-impjanti riferiti fir-rikors promotur gia` kienu bdew jigu mnehhija mis-socjeta` ntimata;

2. Illi l-kawza saret wara talba ezorbitanti tar-rikorrenti;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minnha stess u min din il-qorti diversament preseduta;

Ezaminat l-affidavitijiet prodotti;

Ezaminat ukoll id-dokumenti esebiti;

Ezaminat id-diversi verbali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet li fihom iddikjaraw sintetikament is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata ghandha tkompli tesegwixxi x-xoghlijiet li huma mitluba li jsiru fit-talba numru 1 u 2 tar-rikors guramentat, (ara fol 25 et sequitur);

2. Illi s-socjeta` ntimata ghandha tinforma lir-rikorrenti bix-xoghlijiet li taghmel, (ara fol 25 et sequitur);

3. Illi l-istess socjeta` ntimata ghandha tnaddaf il-bitha tal-garaxxijiet fejn isir ix-xoghol, (ara fol 26 et sequitur);

4. Illi meta x-xoghlijiet riparatorji gew effettwati l-qorti giet infurmata li issa kien jonqos biss:

“ … illi s-socjeta` konvenuta (intimata) thallas l-ispejjez tal-kawza”, (ara fol 33 et sequitur);

5. Illi f’verbal sussegwenti, (tat-3 ta’ Marzu, 2011), il-kwistjoni tal-ispejjez determinata qabel kif indikat fil-paragrafu precedenti regghet infethet berah, (ara fol 36 et sequitur), u l-partijiet iddikjaraw li l-meritu kien ezawrit u kien jonqos biss decizjoni fuq il-kap tal-ispejjez, (ara fol 36 et sequitur);

6. Illi fil-frattemp, il-partijiet hadu mill-15 ta’ Lulju, 2008, sat-3 ta’ Marzu, 2011, biex jippruvaw jittransiegu, ghalkemm din it-transazzjoni ma sehhitx;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tas-sintesi fuq esposta din id-decizjoni hi limitata biss ghall-kap tal-ispejjez;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward, analisi tar-rizultanzi prodotti jista’ sintetikament jigi espost bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` intimata jew terzi mqabbda minnha, invadew il-proprjeta` tar-rikorrenti billi effettwaw ix-xoghijiet precedentement indikati minghajr ebda drittijiet skont il-ligi li jaghmlu dan;

2. Illi r-rikorrenti nterpellaw lis-socjeta` ntimata biex tiddesisti u tirripristina l-proprjeta` ghall-istat originali taghha qabel l-interventi lleciti taghha, izda kien kollu inutili;

3. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti kienu kostretti jintavolaw il-procedura odjerna fil-konfront tas-socjeta` ntimata;

4. Illi kien biss wara tali incipit li s-socjeta` ntimata refghet ir-responsabbilita` taghha u bdiet tirripristina l-proprjeta` in dizamina ghall-istat originali taghha u tpoggi lir-rikorrenti fid-drittijiet originali taghhom lezi mill-istess socjeta` ntimata;

5. Illi nonostante dan, jirrizulta li din is-socjeta` hadet iz-zmien taghha biex taghmel dan – madwar sentejn u nofs – haga li din il-qorti tikkonsidra vergonjuz u inaccettabbli fi stat fejn issaltan is-sovranita` tad-dritt u mhux il-logika tal-forza jew tas-sahha finanzjarja;

6. Illi di piu`, jirrizulta assodat li wara li gie dikjarat mill-partijiet li l-meritu kien gie ezawrit kien ghad jonqos biss li " … is-socjeta` konvenuta (intimata), thallas l-ispejjez tal-kawza ", (ara fol 33 et sequitur);

Ikkunsidrat:

Illi tali verbal hu vinkolanti sakemm mhux rigettat mill-qorti – haga li ma tirrizultax mill-atti riskontrati;

Illi dak li jirrizulta minflok, hu biss prokrastinagni ezagerata li fiha s-socjeta` ntimata illuzingat lir-rikorrenti bil-possibbli transazzjoni – haga li evidentement ma sehhitx;

Illi ghandu jinghad li s-socjeta` ntimata wzat ir-rizorsi kospikwi taghha biex ittawwal il-procedura biex fil-mument opportun tipprova tiskarta l-obbligu taghha li taghmel tajjeb ghall-azzjonijiet minnha originarjament inizzjati minghajr l-ebda suffragju legali konfortanti;

Ikkunsidrat:

Illi l-azzjoni odjerna hi effettivament naxxenti wara l-agir skonsiderat tal-istess socjeta` ntimata;

Illi l-fatt li wara madwar tlett snin luzingar tippretendi li tezimi ruhha mir-responsabbilita` ta' eghmilha hu ghal kollox ripunjanti;

Illi jirrizulta li kienet hi li tat bidu ghall-vertenza de quo billi nvadiet proprjeta` ta' terzi u ppretendiet li taghmlu taghha;

Illi ghalhekk issa, ghandha tkun hi wkoll, li wara dan il-perjodu skonsiderat u inordinarament twil, ghandha tkun hi li taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-procedura odjerna;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li tirrespingi t-talba tas-socjeta` ntimata fir-rigward, takkolji t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement:

Tikkundanna lis-socjeta` ntimata Smart Supermarket Limited biex thallas l-ispejjez kollha tal-procedura odjerna nkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata s-7 ta' Frar, 2008.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------